

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

12638/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0205 (NLE)**

---

**AELE 57**  
**EEE 45**  
**N 58**  
**ISL 52**  
**FL 66**  
**MI 683**  
**ENV 816**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendar tal-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendar tal-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-  
ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> (il-“Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.

---

<sup>1</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (4) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni biex tinkludi r-Regolament (UE) 2018/841<sup>1</sup> u (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u d-dispożizzjonijiet relatati mir-Regolamenti (UE) 2018/1999<sup>3</sup> u (UE) Nru 525/2013<sup>4</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 749/2014<sup>5</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE. (ĠU L 156, 19.6. 2018, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013 p. 13).

<sup>5</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23).

- (5) Għalhekk, il-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex dik il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

Abbozz

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru [...]**

**ta' [...]**

**li temenda l-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi  
barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim dwar iż-ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja huma impenjati li jnaqqsu l-emissjonijiet globali tagħhom ta' gassijiet serra, bil-ħsieb li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C aktar mil-livelli preindustrijali, u biex jittkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE tiġi estiża għar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE<sup>1</sup>.
- (3) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE tiġi estiża għar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 156, 19.06.2018, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 156, 19.06.2018, p. 26.

- (4) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE tiġi estiża għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/842.
- (5) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni 280/2004/KE<sup>2</sup>, li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.

---

<sup>1</sup> ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13.

- (6) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format, il-proċessi ta' sottomissjoni u r-rieżami tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, li huma essenzjali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.
- (7) Permezz ta' din id-Deċiżjoni, l-Iżlanda u n-Norveġja qed jieħdu azzjoni biex jilhqnu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' tnaqqis ta' mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.
- (8) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kif l-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi.
- (9) Kwistjonijiet baġitarji mhumiex parti mill-Ftehim dwar iż-ŻEE. L-applikazzjoni tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2018/842 hija għalhekk mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE.

---

<sup>1</sup> ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23.

- (10) L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkoordina mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea kull meta tissejjaħ biex twettaq kompiti relatati mal-Iżlanda u n-Norveġja skont din id-Deċiżjoni.
- (11) Il-kompetenzi tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u tal-Qorti tal-EFTA skont din id-Deċiżjoni huma limitati għall-obbligi mwettqa hawnhekk.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 7 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- “8. (a) L-Iżlanda u n-Norveġja ser jissodisfaw il-miri rispettivi tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 skont l-atti li ġejjin:
- **32018 R 0841**: ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.06.2018, p. 1).

Ir-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandu jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

- (i) Fl-Artikolu 6(2), il-kliem “30 sena” għandu, għall-Iżlanda, jinqara bħala “50 sena”.

(ii) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 8(7):

“L-Istati tal-EFTA għandhom jikkomunikaw il-livelli ta’ referenza għall-foresti proposti riveduti lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA mhux aktar tard minn disa’ xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx ta’ xx/xxxx [din id-deċiżjoni] għall-perijodu 2021-2025. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tippublika l-livelli ta’ referenza proposti għall-foresti kkomunikati lilha mill-Istati tal-EFTA.”

(iii) L-Artikolu 13(2)(a) għall-Istati tal-EFTA għandu jinqara kif ġej:

“L-Istat tal-EFTA ppreżenta strateġija kif stabbilit hawn taħt għas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija b’perspettiva ta’ mill-inqas 30 snin, inklużi wkoll miżuri attwali jew ippjanati biex jiġu żgurati l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta’ bjar u ġibjuni tal-foresti;

1. Sal-1 ta’ Jannar 2020, kull Stat tal-EFTA għandu jħejji u jippreżenta lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA l-istrateġija tiegħu għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija b’perspettiva ta’ mill-inqas 30 sena. Jenħtieġ li l-Istati tal-EFTA, fejn meħtieġ, jaġġornaw dawn l-istrateġiji sal-1 ta’ Jannar 2025.

2. L-istrateġiji tal-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu biex:
- (a) jitwettqu l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar u biex jiġi promoss iżjed sekwestru tal-karbonju;
  - (b) jintlaħaq l-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali;
  - (c) jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tishiġ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar sa fejn ikun rilevanti għas-settur tal-LULUCF, f'konformità mal-objettiv, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont l-IPCC biex b'mod kosteffikaċi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-EFTA u jiżdied l-assorbiment minn bjar ħalli jintlaħqu l-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu fuq bażi ta' ekwità, u fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar.

3. L-istrateġiji tal-Istati tal-EFTA għandhom ikopru:
  - (a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-titjib tal-assorbimenti fl-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF); filwaqt li jitqiesu l-bijoenerġija u l-bijomaterjali minn dan is-settur.
  - (b) sa fejn huwa rilevanti għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, rabtiet ma' għanijiet, ippjanar u politiki u miżuri oħra nazzjonali fit-tul.
4. L-Istati tal-EFTA għandhom jinfurmaw u jagħmlu disponibbli minnufih lill-pubbliku l-istrateġiji rispettivi tagħhom u kull aġġornament tagħhom.
5. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tivvaluta jekk l-istrateġiji tal-Istati tal-EFTA humiex adegwati għad-dokumentazzjoni tal-issodisfar skont dan l-Artikolu.
6. L-istrateġiji tal-Istati tal-EFTA għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija għandu jkun fihom l-elementi stipulati hawn taħt:
  - A. STAMPA ĠENERALI U PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TAL-ISTRATEĠIJI
    - A.1. Sommarju eżekuttiv
    - A.2. Kuntest legali u ta' politika, inkluż fejn xieraq, stadji importanti indikattivi għall-2040 u l-2050

## B. KONTENUT

### B.1. UŻU TAL-ART, TIBDIL FL-UŻU TAL-ART U FORESTRIJA (LULUCF)

B.1.1. Projezzjonijiet għal tnaqqis fl-emissjonijiet u titjib fl-assorbimenti sal-2050

B.1.2 Skont kemm ikun fattibbli, l-emissjonijiet mistennija skont is-sorsi u l-GHG's individwali

B.1.3. Għażliet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u għażliet għal titjib ta' bjar previsti

B.1.4. Sa fejn huwa rilevanti għall-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u għibjuni tal-foresti; politiki u miżuri ta' adattament

B.1.5 Aspetti relatati mad-domanda tas-suq għall-bijomassa tal-foresta u l-impatt fuq il-ħsad

B.1.6. Kif meħtieġ, dettalji dwar immudellar (inklużi preżunzjonijiet) u/jew analiżi, indikaturi eċċ. "

(iv) Dan li ġej għandu jżied mal-Artikolu 15(2):

“L-Amministratur Ċentrali għandu jkun kompetenti biex iwettaq il-kompiti msemmija f’ dan l-Artikolu meta l-Istati tal-EFTA jkunu kkonċernati. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata jekk l-Amministratur Ċentrali jimblokka tranżazzjoni li tikkonċerna jew li titwettaq mill-Istati tal-EFTA.”

(v) “Dan li ġej għandu jżied mat-tabella fl-Anness II:

“L-Iżlanda      0,5      10      2

In-Norveġja      0,1      10      5”

(vi) Dan li ġej għandu jżied mat-tabella fl-Anness III:

“L-Iżlanda      1990

In-Norveġja      1990”

(vii) Dan li ġej għandu jżied mal-punt (g) tat-Taqsima A tal-Anness IV:

“Għall-Istati tal-EFTA, il-livell ta’ referenza għall-perjodu 2021-2025 għandu jkun konsistenti mal-previżjonijiet li ġew irrappurtati lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fuq bażi volontarja, mar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u, fir-rigward tal-Iżlanda, f’konformità wkoll mal-Ftehim bilaterali bejn l-Iżlanda u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fit-tweġġ konġunt tal-impnġi tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Iżlanda għat-tieni perjodu ta’ impenn tal-Protokoll ta’ Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>1</sup>.”

(viii) Dan li ġej jżied mat-tabella fl-Anness VII:

“L-Iżlanda	-0,0224	-0,0045
In-Norveġja	-29,6	-35,5”

- **32018 R 0842:** ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impnġi li saru fil-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.06.2018, p. 26).

---

<sup>1</sup> ĠU L 207, 4.8.2015, p. 1.

Ir-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandu jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

(i) Dan li ġej, għall-Istati tal-EFTA, għandu jiżdied mal-Artikolu 4(3):

“Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, għall-fini li jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, is-sena bażi 2005 għall-allokazzjoni tal-emissjonijiet tal-2030 ser tkun ibbażata fuq id-differenza bejn l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-2005 li jirriżultaw mir-reviżjoni komprensiva, li tittratta l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni bħala zero, u l-emissjonijiet stazzjonarji tal-EU ETS 2005 fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS tal-2013 kif irrapportati fil-Parti B tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 tas-26 ta' Lulju 2012<sup>1</sup>, adattati mal-valuri għall-potenzjali ta' tisħin globali adottati f'att delegat imsemmi fl-Artikolu 26(6)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1999 jew dawk identifikati mir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni (AR4) tal-IPCC sakemm isir applikabbli l-att delegat. Iċ-ċifri tal-emissjonijiet stazzjonarji tal-2005 tal-EU ETS kif irrapportati fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 (AR2) u l-istess ċifri b'valuri aġġornati għall-potenzjali ta' tisħin globali (AR4) li għandhom jitqiesu għall-finijiet li jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 skont dan l-Artikolu huma mniżżla fl-Appendiċi.”

---

<sup>1</sup> ĠU L 309, 8.11.2012, p. 38.

(ii) Dan li ġej jżdied wara l-Anness IV:

"Appendiċi

Iċ-ċifri tal-emissjonijiet tal-EU ETS 2005 stazzjonarji kif irrapportati fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 (AR2) u l-istess ċifri b'valuri aġġornati għall-potenzjali ta' tiżhin globali (AR4) li għandhom jitqiesu għall-finijiet li jiġu stabbiliti l-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għas-snin mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 4(3)

Tabella 1: Emissjonijiet tal-ETS għall-2005 għan-Norveġja:

Gass serra (tunnellati)	CO <sub>2</sub> -eq (AR2)	CO <sub>2</sub> -eq (AR4)	N <sub>2</sub> O/PFC
CO <sub>2</sub>	23 090 000	23 090 000	
N <sub>2</sub> O	1 955 000	1 880 000	6 308
PFC	829 000	955 000	
CF <sub>4</sub>			116,698
C <sub>2</sub> F <sub>6</sub>			7,616
Total	25 874 000	25 925 000	

Tabella 2: Emissjonijiet tal-ETS tal-2005 għall-Iżlanda:

Gass serra (tunnellati)	CO <sub>2</sub> -eq (AR2)	CO <sub>2</sub> -eq (AR4)	N <sub>2</sub> O/PFC
CO <sub>2</sub>	909 132	909 132	
PFC	26 709	31 105	
CF <sub>4</sub>			3,508
C <sub>2</sub> F <sub>6</sub>			0,424
Total	935 841	940 237	

”.

(iii) Fl-Artikolu 6(1), il-kliem “100 miljun kwota EU ETS” għandhom jinqraw  
“107 miljun kwota tal-EU ETS”

(iv) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 12(2):

“L-Amministratur Ċentrali għandu jkun kompetenti biex iwettaq il-kompiti msemmija f’ dan l-Artikolu meta l-Istati tal-EFTA jkunu kkonċernati. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata jekk l-Amministratur Ċentrali jimblokka tranżazzjoni li tikkonċerna jew li titwettaq mill-Istati tal-EFTA.”

(v) Dan li ġej għandu jżied mat-tabella fl-Anness I:

“L-Iżlanda - 29 %

In-Norveġja - 40 %”

(vi) Dan li ġej għandu jiżdied mat-tabella fl-Anness II:

“L-Iżlanda 4 %

In-Norveġja 2 %”

(vii) It-tabella fl-Anness III għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Dan li ġej għandu jiżdied mat-tabella:

“L-Iżlanda 0,2

In-Norveġja 1,6”

(b) In-numru “280” għat-total massimu għandu jinqara “281,8”

- **32018 R 1999**: ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).’

Id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan ir-Regolament huma elenkati hawn isfel, għall-finijiet tal-Ftehim presenti, għandhom jinqraw bl-adattazzjoni li ġejja:

(i) Għandhom japplikaw biss id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament:

L-Artikoli 2(1)-2(10), 2(12)-(13), 2(15)-2(17), 18, 26(2)-(7), 29(5)(b), 37-42, 44(1)(a), (2)-(3) u (6), 57-58, u l-Annessi V-VII u XII-XIII.

(ii) L-Artikolu 2(1)-(10) u 2(12)-(13) u 2(15)-(17) għandhom, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, japplikaw biss għall-Istati tal-EFTA sal-punt li huma relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/842.

(iii) L-Artikolu 26(4) għall-Istati tal-EFTA għandu jinqara kif ġej:

“L-Iżlanda u n-Norveġja sal-15 ta' April ta' kull sena, għandhom jippreżentaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kopja tad-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra rrappurtata lill-UNFCCC skont il-paragrafu 3.”

(iv) L-Artikolu 41 għandu, għall-Istati tal-EFTA, japplika biss sakemm id-dispożizzjonijiet jew partijiet minnhom imsemmija f'dan l-Artikolu huma msemmija jew stipulati f' [din id-deċiżjoni].

- (v) Il-sentenza li ġejja għandha, għall-Istati tal-EFTA, tiżdied wara l-ewwel sentenza tal-Artikolu 42:

“L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti biss lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA fil-ħidma tagħha fir-rigward tal-Artikoli 18, 26 (2)-(7), 29 (5) (b), 37–39 u 41.”

- **32013 R 0525**: ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

Id-dispożizzjonijiet applikabbli ta’ dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim presenti, jinqraw bl-adattazzjoni li ġejja:

- (i) Japplikaw biss id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament:

L-Artikoli 7, 19(1) u (3).

- (ii) L-Artikoli 7, 19 (1) u (3) għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, japplikaw biss għall-Istati tal-EFTA sal-punt li huma relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.

- **2014 R 0749**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23).

Id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim presenti, jinqraw bl-adattazzjoni li ġejja:

- (i) Japplikaw biss id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li ġejjin:

L-Artikoli 3-5, 7-10, 12-14, 16, 29, 32-34, 36-37 u l-Annessi I-VIII u t-Tabella 2 tal-Anness XVI.

- (ii) L-Artikoli 3-5, 7-10, 12-14, 16, 29, 32-34, 36-37 u l-Annessi I-VIII u t-Tabella 2 tal-Anness XVI għandhom, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, japplikaw biss għall-Istati tal-EFTA sakemm dawn ikunu relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.

- (b) Permezz tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha tapplika għal dan il-paragrafu.
- (c) Il-Protokoll Nru 1 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE (Adattamenti Orizzontali) għandu japplika *mutatis mutandis* għal dan il-paragrafu.

- (d) Referenzi għal leġislazzjoni, atti, regoli, politiki u miżuri tal-Unjoni fl-atti u d-dispożizzjonijiet imsemmija jew imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw sal-punt u fil-forma li l-leġislazzjoni, l-atti, ir-regoli u l-miżuri rilevanti jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim.
- (e) L-Iżlanda u n-Norveġja għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima skont l-atti u d-dispożizzjonijiet imsemmija jew li jinsabu f'dan il-paragrafu iżda ma għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw.
- (f) Meta l-Kummissjoni tikkonsulta esperti maħtura mill-Istati Membri skont l-atti u d-dispożizzjonijiet imsemmija jew li jinsabu f'dan il-paragrafu, hija għandha tikkonsulta esperti innominati mill-Istati tal-EFTA fuq l-istess bażi.
- (g) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-ħidma tagħha skont ir-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/842.
- (h) Dan il-paragrafu ma japplikax għal-Liechtenstein.”.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], jew fil-jum li jġi wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, skont liema wieħed minnhom jġi aktar tard\*.

## *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*

*Is-Segretarji*  
*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

---

\* [Ma huwa indikat ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Dikjarazzjoni mill-Iżlanda u n-Norveġja  
dwar il-pjanijiet nazzjonali relatati mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru [din id-  
Deċiżjoni]

L-Iżlanda u n-Norveġja, fuq bażi volontarja, ser jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali li jiddeskrivu kif l-Iżlanda u n-Norveġja bi ħsiebhom iwettqu l-impenji li ħadu billi jinkludu l-atti li ġejjin fil-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim taż-ŻEE:

- ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ir-Regolament LULUCF) u
- ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ir-Regolament dwar il-Qsim tal-Isforz 'Effort Sharing Regulation' - ESR).

L-Iżlanda u n-Norveġja ser jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali rispettivi tagħhom u ser jagħmluhom disponibbli għall-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-pubbliku, sal-31 ta' Diċembru 2019.

Il-pjanijiet ser ikun fihom l-elementi ewlenin li ġejjin:

- Sommarju eżekuttiv tal-pjan;
- Ħarsa ġenerali lejn il-politiki nazzjonali attwali dwar il-klima;
- Deskrizzjoni tal-mira nazzjonali ta' kondiviżjoni tal-isforzi u l-impenn tal-LULUCF;
- Deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti u ppjanati biex jinkiseb l-oġġettiv tal-kondiviżjoni tal-isforzi u l-impenn tal-LULUCF;
- Deskrizzjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti nazzjonali attwali ta' gassijiet serra kif ukoll projezzjonijiet tal-mira tal-kondiviżjoni tal-isforzi u l-impenn tal-LULUCF ibbażat fuq politiki u miżuri diġà eżistenti;
- Valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u l-miżuri nazzjonali ppjanati biex tintlaħaq il-mira tal-kondiviżjoni tal-isforzi u l-impenn tal-LULUCF, meta jitqabblu mal-projezzjonijiet ibbażati fuq politiki u miżuri eżistenti u jiġu deskritti l-interazzjonijiet bejn politiki u miżuri eżistenti u ppjanati.

---